MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Numru 63/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**RAYMOND CUTAJAR**

**Illum 4 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Cutajar ta' 42 sena, bin Gaetano u Rose nee` Mercieca, imwieled Zabbar, fil-15 ta' Settembru 1961, u residenti: 19, 'Casa Galante', Triq il-Hut, Marsaskala; Detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru: 594061M gie akkuzat:

Talli, fis-06 ta’ Jannar 2004 u fil-granet ta’ qabel fil-fond ***‘Cutajar Hifi and Video Centre’*** fi Triq is-Santwarju, Zabbar, u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer b’iversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda.

1. xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebhin b’qerq u cioe` *DVDs; CDs,; Playstation DVDs,* ecc, u dan bi ksur ta’ artikolu 298(1)(f) tal-Kappitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipprouca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe` *DVDs, CDs, Playstation DVDs,* ecc bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` *Twentieth Century Fox Film Corporation*u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta` ***Patrick J. Galea Advocates*** rappresentata minn Dr. Patrick J. Galea LL.D. *et* hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghHa, f’kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikulu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f’kaz ta’ htija, barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-Nazzareno Buhagiar ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. BZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Inoltre nnutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Saret trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Cutajar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li sar l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Cutajar ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Raymond Cutajar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi l-licenzja tal-imputat Raymond Cutajar mahruga mill-awtorita` regolatorja, f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-esekuzzjoni ta' dik l-attivita` kummercjali ghal zmien hmistax (15) gurnata millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti fis-Seduta ta' llum mill-Ispettur Bernard Zarb ghala Dok. BZ5. Ghall-fini ta' tali distruzzjoni il-Qorti tinnomina lir-Registratur tal-Qrati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------